**Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni ressaq din l-Emenda:-**

Mit-tielet paragrafu tal-Mozzjoni, neħħi "bħala pass konkret f'din id-direzzjoni" u minflok daħħal dan li ġej:

"bħala pass li jmur għal kollox kontra l-interess nazzjonali u se jġib miegħu l-ħtieġa biex Gvern alternattiv jieħu fil-futur miżuri korrettivi.

"Il-bejgħ propost mhuwiex aċċettabbli għax se jkun qed jagħti influwenza dominanti fuq aktar min-nofs ta' l-ekonomija finanzjarja ta' pajjiżna lil ġgant bankarju internazzjonali.

"Il-bejgħ mhuwiex aċċettabbli għax waqt li ġie negozjat fil-ħabi u bmod li m'huwa professjonali xejn,

- se jsir bi prezz li jissottovaluta bil-kbir il-valur reali tal-Mid-Med,
- ma jagħti l-ebda opportunita' lil investituri Maltin biex jixtru sehem fil-Bank,
- jikkontempla miżuri li jmorru kontra l-interessi ta' ċittadini li diġa' għandhom ishma fil-Mid-Med.

"Għalhekk, dil-Kamra taqbel li l-ftehm għandu jiġi xolt.".

L-Emenda ma għaddietx.